# Stqarrija għall-Istampa

## Tnedija ta' Electio2014.eu:
## Iċ-Ċittadini jeleġu l-President tal-Kummissjoni Ewropea

*Sabiex taqra din l-istqarrija f'dawn il-lingwi: FR, DE, IT, ES, PL, RO, NL, HU, PT, EL, SV, CS, BG, SK, DA, FI, LT, SL, ET, GA, LT u MT, agħfas hawn.*

*Brussell, 4 t' April 2014*

Illum ġie varat wieħed mill-aktar proġetti ambizzjużi onlajn konness mal-elezzjonijet tal-Parlament Ewropew li qatt ġew imwettqa: **Electio2014.eu**, li hija pjattaforma onlajn u mowbajl app f'24 lingwa bl-għan li tgħin il-votanti tal-UE jiddeċiedu liema kandidat u partit għandhom jivvutaw fl-elezzjonijet tal-Parlament Ewropej tal-2014.

Il-pjattaforma Electio2014 ('Electio' tfisser 'l-għażla' bil-Latin) ġiet żvillupata minn VoteWatch Europe, organizzazzjoni indipendenti li tħares u li tanalizza d-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri. Din il-pjattaforma tinkludi dawn il-karatteristiċi:

- L-utenti jistgħu jivvutaw **għall-kandidat favorit tagħhom għall-President tal-Kummissjoni Ewropea** u jattribwixxu ħiliet għal kull kandidat dikjarat.
- L-utenti jistgħu jivvutaw fuq 20 kwistjoni importanti li l-Membri tal-Parlament Ewropew (MPE) diġa vvutaw fuqhom f'dawn l-aħħar ħames snin, u allura l-utenti jistgħu jsiru jafu liema MPE, partit politiku jew grupp Parlamentari Ewropew joqrob lejn il-fehmiet tagħhom. Sabiex tiġi assigurata parita` u ugwaljanza, kandidati ġodda jistgħu joħolqu l-profil tagħhom fuq Electio2014.
- Dan is-sit se jinkludi **l-pożizzjoni ta' opinjonisti (kemm dawk nazzjonali kif ukoll dawk Ewropej) u wkoll tas-soċjeta` ċivili** fuq l-20 kwistjoni koperti fit-taqsima *Qabbel il-vot tiegħek* fejn l-utenti jkunu jistgħu jqabblu l-voti tagħhom ma' utenti oħra kif ukoll ma' MPE preżenti u prospettivi.

- PollWatch2014.eu, li ġiet varata fi Frar, se tkun parti integrali minn din il-pjattaforma ġdida. L-utenti se jkunu jistgħu jaraw x'impatt l-aħħar previżjonijiet tar-riżultat tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew 2014 jista' jkollhom fuq ċerti politiki ewlenin tal-UE. L-utenti jkunu jistgħu jagħmlu wkoll it-tbassir tagħhom tar-riżultat.

**Il-Professur Simon Hix**, Ċermen ta' VoteWatch Europe u Kap tad-Dipartiment tal-Gvern ġewwa l-*London School of Economics and Political Science* qal: "Hemm żewġ affarijiet li jqajmu l-interess tal-votanti fil-politika: kunflitti politiki u kunflitti ta' personalita`. Electio2014.eu joffri dawn iż-żewġ aspetti. L-elettorat jista' jara liema MEPs jew kandidati ġodda jaqblu mal-fehmiet tiegħu fuq 20 kwistjoni kruċjali, u l-elettorat jista' jesprimi l-preferenza tiegħu għal wieħed mill-kandidati tal-Presidenza tal-Kummissjoni Ewropea. Din se tgħin sabiex tagħti l-ħajja lil din it-tellieqa."

**Doru Frantescu**, Direttur tal-Politika ta' VoteWatch Europe u ko-fundatur qal: "Għamilna użu mid-*database* ta' VoteWatch Europe ta' 'il fuq minn 6,000 vot fil-Parlament Ewropew sabiex inħolqot din l-għodda li tħalli l-utenti tagħha jqabblu l-fehmiet tagħhom ma' dawk tal-politiċi. Għodod oħra huma msejjsa fuq il-wegħdiet tal-partiti filwaqt li din l-għodda hija mibnija fuq kif attwalment ivvutaw il-politiċi. Din tagħmilha indikatur affidabbli ta' preferenzi politiki."

www.electio2014.eu (onlajn mill-4 t'April 2014, 11.00 CET)
Twitter: @electio2014
Electio mobile app disponibbli fuq iOS, Android u Windows Phone.

Għal aktar informazzjoni jew sabiex tieħu intervista minn wieħed mill-awturi, jekk jogħġbok ibgħat emejl fuq secretariat@votewatcheurope.eu, jew ċempel fuq +32 2 318 11 88.

Noti:

Electio2014.eu huwa proġett minn VoteWatch CIC. Huwa ko-finanzjat b'fondi mill-Parlament Ewropew, l-Open Society Foundations u l-Burson-Marsteller / Europe Decides.

Il-proġett ġie kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-iskema ta' sussidji tal-Parlament Ewropew fil-qasam tal-komunikazzjoni. Il-Parlament Ewropew ma kienx involut fit-tħejjija tiegħu u bl-ebda mod mhu responsabbli jew m'għandu x'jaqsam mal-informazzjoni jew ilfehmiet espressi fih. Il-proġett huma responsabbli biss għalih l-awturi, il-persuni intervistati, l-edituri jew ix-xandara tal-programm b'konformità mal-liġi applikabbli. Il-Parlament Ewropew ma jistax jinżamm responsabbli għad-danni diretti jew indiretti li jistgħu jirriżultaw mit-twettiq ta' dan il-proġett.